5 ta' Settembru, 1953

**Imħallef :—**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Rev. Carmelo Mifsud

**Traffiku — Kolliżjoni — Dwal — Negliġenza Kontributorja — Reg. 82 Traffic Regulations.**

*Jekk żewġ drivers kienu koinvolti f'kolliżjoni, u l-Qorti ssib biss wieħed minnhom ħati tal-kolliżjoni, u dan jappella, il-Qorti ta' l-Appell, fl-eżami ta' l-appell li jkollha quddiemha, ma hix impeduta li tidħol fil-kwistjoni tal-għemil tad-driver l-ieħor li ġie liberat mill-ħtija tal-kolliżjoni, in kwantu dak l-għemil jista' jinfluwixxi fuq il-kwistjoni tar-responsabilità tad-driver appellant; għax il-fatt li l-Qorti t'Isfel, fil-kawża tad-driver l-ieħor, irriteniet li dan ma kienx responsabili tal-kolliżjoni, ma jistax itellef lid-driver appellant id-dritt li fl-appell tiegħu jġib bħala mezz defensjonali l-għemil tad-driver l-ieħor.*

*Il-fatt li driver iħalli d-dwal fuq il-"bright" ġo wiċċ karrozza oħra li tkun ġejja mid-direzzjoni opposta, hu mhux biss kontra l-liġi, imma anki jista' ta' spiss ikun kawża serja ta' kolliżjonijiet.*

*Min bi dwal qawwija jogħmu driver ta' car ieħor ikun qiegħed jikkon-*

*tribwixxi għall-kolliżjoni; u fl-istess ħin id-driver l-ieħor għandu l-obbligu li jirreaġixxi b'mod prudenti, ċjoè jsuq "dead slow", jew anki jieqaf għal kollox; altrimenti anki hu jkun responsabbli għall-kolliżjoni.*

*B'dan kollu, jekk il-Qorti ssib li l-ħtija tal-kolliżjoni kienet tat-tieni driver, ir-responsabbilità tad-driver li appella tibqa' dejjem, f'sedi kriminali—salvi konsegwenzi oħra f'sedi civili; għax f'materja kriminali n-negliġenza kontributorja ta' ħadd ieħor ma teskludix in-negliġenza proprja, ammenokkè ma tkunx "aktar minn kontributorja", ċjoè deċiżiva ta' l-inċident.*

L-imputat ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi fit-13 ta' Frar 1953, għal xi s-7 ta' filgħaxija, saq motor car nru. 11051, minn Mosta-Naxxar Road, limiti ta' Ħal Lija, mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, u talli, barra minn dan, minħabba nuqqas ta' għaqal, bi traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, ħabat ma' motor car numru 1745, u għamlilha ħsara għad-dannu ta' Lt. John Tiarks, u għamel feriti ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' l-istess Tiarks u ta' A.B. Thomas Gibbs;

B'sentenza tagħha tal-20 ta' April 1953, dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati; iżda peress li hu "first offender", akkordatlu l-benefiċċju ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

L-imputat appella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti, wara li semgħet il-provi u l-argumenti, ikkunsidrat;

Mill-provi deher illi fil-ġurnata u ħin ta' fil-għaxija ndikati fiċ-ċitazzjoni, l-imputat kien isuq il-car sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta. Tiarks kien ġej isuq mid-direzzjoni opposta, u ż-żewġ cars ħabtu, probabilment, almenu skond ma wieħed jista' jiġġudika mill-ħsara dettaljata fid-dokument for. 4, f'"head-on collision", jew kważi;

Mistoqsi mill-Pulizija, Tiarks qal li l-karrozza ta' l-imputat ġiet f'daqqa waħda fuqu, u li hu kien qed isuq fuq is-side tiegħu, ċjoè xi għaxar piedi bgħid mill-ħajt tax-xellug—it-triq hi wiesgħa xi 40 pied. L-imputat, mistoqsi wkoll mill-Pulizija, qal li kien miexi fuq is-side tiegħu xi ħames piedi bgħid mill-ħajt, ra l-karrozza ta' l-Ingliż ġejja "zig zagging", b'dawl

qawwi ħafna li għamieh, u żied igħid li aktarx, meta ra l-karrozza ta' l-ingliż ġejja għal fuqu, jista' jkun li swervja fuq il-lemin (ara xhieda Surġent Buhagiar);

Biex l-argumentazzjoni tkun ċara, hemm bżonn li jiżdied li, kif jidher mid-dokument fol. 14, il-Pulizija kienet ipproċediet anki kontra Tiarks fuq l-imputazzjoni li hu saq b'wieħed mill-fanali ta' quddiem mitfi, u li ma ddimmijax meta kienet ġejja vettura oħra mid-direzzjoni opposta, u anki fuq l-imputazzjoni li b'imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, ħabat mal-car ta' l-imputat odjern u għamlilha ħsara, minbarra li kkaġuna feriti lil A.B. Gibbs. Il-Qorti t'Isfel, b'sentenza tagħha tal-20 ta' April 1953, sabitu ħati biss talli naqas li jiddimmja d-dwal meta kienet ġejja mid-direzzjoni opposta l-vettura ta' l-imputat odjern, iżda lliberatu mill-akkuża ta' ħsara u offiżi involontarji;

Dan vwoldiri li b'dawn iż-żewġ sentenzi l-Qorti t'Isfel pratikament irriteniet li ħati tal-kolliżjoni kien unikament l-imputat odjern;

Hu anki utili li wieħed jeżamina l-effett ta' din is-sentenza, li tirrigwarda lil Tiarks in relazzjoni għall-appell preżenti. Ċertament Tiarks ma jistax qatt aktar jiġi proċessat fuq l-imputazzjoni ta' ħsara u offiżi involontarji, għax "pro tanto" fil-konfront tiegħu s-sentenza għaddiet ġudikat. In kwantu għal dik il-parti tas-sentenza li kkundannatu talli ma ddimmjax id-dawl, hemm il-fatt li hu ma appellax minnha. Fl-eżami, però, ta' l-appell preżenti, din il-Qorti ma hix impeduta li tidħol fil-kwistjoni tal-għemil ta' Tiarks in kwantu dan l-għemil jista jinfluwixxi fuq il-kwistjoni tar-responsabilità ta' l-imputat odjern; għax il-fatt li l-Qorti t'Isfel fil-kawża ta' Tiarks irriteniet li dan ma kienx responsabili tal-kolliżjoni ma jistax itellef lill-imputat odjern id-dritt li, fil-kawża u fl-appell tiegħu, igib bħala mezz defensjonali l-għemil ta' Tiarks. Diversament l-appell ma kienx ikollu sens, jekk din il-Qorti kellha tkun marbuta bil-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti fil-kawża ta' Tiarks li dan ma kellu tort ta' xejn. Tiarks hu definitivament meħlus minn dik l-imputazzjoni; imma fil-konsiderazzjoni ta' l-appell ta' l-imputat odjern, din il-Qorti tista', u għandha, tidħol il-għemil ta' Tiarks in kwantu li dan l-għemil jista' jinfluwixxi

fuq ir-responsabilità ta' l-appellant. Difatti s-sentenza ta' Tiarks tifforma stat għalih, imma mhux għall-imputat appellant;

Issa, din il-Qorti, wara li qieset tajjeb il-provi, taħseb illi l-ħabta saret kif qal Tiarks, ċjoè fuq ix-xellug tiegħu tat-triq, u li dak il-ħin l-appellant kien fuq in-naħa ħażina tat-triq. Din il-fehma tal-Qorti hi sostanzjata b'dawn il-konsiderazzjonijiet li sejrin jingħadu :—

*Omissis;*

Mela l-Qorti tirritjeni li l-imputat swervja għall-lemin, u saret il-ħabta fuq ix-xellug ta' Tiarks;

Issa, l-imputat qal li stordewh id-dwal qawwijin ta' Tiarks;

Bħala fatt jirriżulta illi Tiarks ma ddimmjax, u kien qed isuq b'dawl qawwi, ossija, kif jingħad, "dazzling". In fatti............;

Issa, ma hemmx dubju li l-fatt li driver iħalli d-dwal tiegħu fuq il-"bright" ġo wiċċ karrozza oħra li tkun ġejja mid-direzzjoni opposta, hu mhux biss kontra l-liġi, imma anki jista' spiss ikun kawża serja ta' kolliżjonijiet. Kwantu għall-liġi lokali, din hi kontenuta fir-regolament nru. 82 tat-Traffic Regulations, li jgħid hekk :— "All motor vehicles, while in motion, shall be required to have two front head-lamps showing a white light, which will be so constructed, fitted and maintained, that the beam of light emitted therefrom is permanently deflected downwards, or can by some automatic mechanism be dimmed or dipped, to render the light incapable of dazzling any person or driver of another motor vehicle coming from the opposite direction";

Bħala leġislazzjoni komparata, jingħad li, għalkemm fl-Ingilterra d-dimmjar hu rikonoxxut bħala regola ta' prudenza fis-sewqan, però dawk li jissejħu "dazzling lights" huma projbiti b'liġi f'Londra għat-"taxi cabs" biss — almenu sas-sena 1932 (ara The Law of Collisions on Land ta' Gibb, Ediz. ta' l-1932, para. 113 u nota "s"). Fl-Italja, skond l-art. 59 tal-Kodiċi Stradali, id dawl għandu jkun "momentaneamente interrotto o attenuato.......... nell'approssimarsi di altri auto-veicoli, o quando si presuma che possa arre-

care pregiudizio alla sicurezza degli altri veicoli, dei pedoni o degli animali";

Issa, x'inhija l-pożizzjoni ġuridika li tinħoloq f'każ ta' kolliżjoni, meta d-driver ta' waħda mill-cars ikun ħalla d-dwal fuq il-"bright" u għama d-driver tal-car l-oħor? Ir-risposta għal dan il-kweżit (apparentement traskurat mill-Qorti t'Isfel) tiddirimi l-pont involut f'dan l-appell; salvi ċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull każ;

L-awtur fuq ċitat, fi ktieb ieħor tiegħu "Trial of Motor Car Accident Cases", 1930 edition, p. 46, igħid hekk:— "Accidents often occur because the bright lights on one car dazzle and temporarily blind the driver of another car coming from the opposite direction. The fact that the driver was temporarily blinded by the lights of an approaching car........... would have to be reckoned in considering the question whether he was negligent in the management of his car. Since it is the duty of the driver to display reasonable skill and competence in driving, his proper course in the circumstances would be to slow up his car, and possibly even to stop";

L-istess awtur, fit-test l-ieħor tiegħu fuq ċitat, ibidem, igħid hekk:— "It is the duty of a motorist to give warning of his approach at night by means of adequate lights. At the present time more accidents occur because of too powerful lights than because of inefficient lights. If a driver finds that the lights of an approaching vehicle are so bright that he is impeded in his driving, and that it is risky to continue to drive, it would seem that his duty is to slow up, or even to stop. If, however, a collision with the over-brightly lit car occurred, there would probably be good ground for alleging contributory negligence against the latter";

Iċ-Charlesworth (The Law of Negligence, 1947 edit., page 87) igħid illi "there may well be circumstances under which the failure to dim headlights is negligence, as, for example, if the headlights are so bright as to dazzle an approaching motorist............";

Jista' jiżdied li fil-"Highway Code" hemm, fir-regolament nru. 47, il-kliem "Dim your headlights when meeting

other vehicles on the road..........." Kif l-Imħallef sedenti kellu l-okkażjoni jgħid, dan il-Code ma hux liġi, iżda huwa "standard of conduct" fis-sewqan, imgħallem mill-esperjenza, u li wieħed għandu josserva jekk irid ikun ġudikat prudenti fis sewqan;

Fermati dawn il-prinċipji, hu ċar illi min bi dwal qawwija jagħma driver ta' car ieħor, ikun qed jikkontribwixxi għall-kolliżjoni. Fl-istess ħin dan id-driver l-ieħor għandu l-obbligu li jirreaġixxi b'mod prudenti, ċjoè jsuq "dead slow", jew anki jieqaf għal kollox; altrimenti anki hu jkun responsabili għall-kolliżjoni;

Igħid il-Gibb, loc. cit., p. 47 (Trial of Motor Car Accident Cases):— "The point to bear in mind as covering most questions which can arise is that it can scarcely be otherwise than negligence to drive at all when clear vision is impossible";

Issa, hu ċar mill-provi, li l-appellant ġibed għal fuq il-lemin tiegħu mhux għal ta' xejn, imma għax kien aċċekat bid-dawl tal-karrozza ta' Tiarks. B'dan kollu hu jibqa' wkoll responsabili; għaliex, allavolja naqqas li speed bil-bosta, eppure, fiċ-ċirkustanzi tal-każ kif deskritti minnu stess u mix-xhieda tiegħu, kien imissu waqqaf għal kollox, u mhux ikompli għaddej. Li jieqaf għal kollox fuq is-side tiegħu kienet l-unika ħaġa ta' prudenza li l-appellant seta' jagħmel, u l-unika ħaġa li jagħmel driver ta' esperjenza meta driver ieħor jkun tant imprudenti li jħalli d-dwal fuq il-"bright". Sfortunatament, l-appellant eċċita ruħu u kkonfonda, u mhux biss ma waqafx għal kollox, imma, fil-konfużjoni, għamel manuvra oħra aktar inkonsulta u diżastruża, ċjoè ġibed għal fuq il-lemin, fejn saret il-kolliżjoni. Ir-reazzjoni tiegħu għall-imprudenza ta' Tiarks ma kienetx tali li turi "reasonable skill and competence in driving". Lanqas tista' l-Qorti tiskaġuna l-appellant in bażi għall-prinċipju l-ieħor hekk espress — "a driver is sometimes confronted by a sudden and unforeseen emergency, which may so overpower his judgment that momentarily he is not capable of intelligent action"; għax l-appellant ra l-car l-ieħor minn distanza suffiċjenti li fiha kellu żmien jirreaġixxi tajjeb;

Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Qorti t'Isfel dwar il-ħtija ta' l-appellant, imma tirritjeni li l-kolliżjoni kienet ħtija tat-tnejn fis-sens fuq imsemmi. Il-Maġistrat opportunament applika favur l-imputat l-Art. 23, għax il-każ ċertament kien jimmeritah;

Kif jidher minn dak li ngħad fil-kors ta' din is-sentenza, din il-Qorti tirritjeni, għad-differenza tal-Qorti t'Isfel, li l-ħtija tal-kolliżjoni kienet tant ta' Tiarks kemm ukoll ta' l-appellant. B'dana kollu, ir-responsabilità ta' l-appellant f'sedi kriminali — salvi dejjem konsegwenzi oħra f'sedi ċivili — tibqa' l-istess; għaliex hu prinċipju f'materja kriminali illi n-negliġenza kontributorja ta' ħadd ieħor ma teskludix in-negliġenza ta' l-imputat, ammenokkè ma tkunx "aktar minn kontributorja", ċjoè "deċiżiva" ta' l-inċident. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant ħati;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.